



Brussell, 25 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10447/18

ENV 465	MARE 9
MI 495	AGRI 314
IND 179	TRANS 282
CONSOM 195	ENER 250
COMPET 478	ECO 56
RECH 301	SOC 436
SAN 208	CHIMIE 38
ECOFIN 658	ENT 124

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 25 ta' Ġunju 2018

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10221/18 ENV 448 MI 479 IND 174 CONSOM 183 COMPET 466
RECH 296 SAN 198 ECOFIN 631 MARE 8 AGRI 301 TRANS 270
ENER 240 ECO 53 SOC 421 CHIMIE 34 ENT 116

Suġġett: It-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari
- Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, kif adottati mill-Kunsill fit-3627 laqgħa tiegħu li saret fil-25 ta' Ġunju 2018.

It-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari

- Konklużjonijiet tal-Kunsill -

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR FI:

L-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv adottata mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Ġunju 2010, u l-Inizjattiva Ewlenija tagħha "Ewropa Effiċjenti fl-Użu tar-Riżorsi";

Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020)¹;

Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (is-Seba' EAP)² għal ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "L-Effiċjenza fl-Użu tar-Riżorsi: lejn Ekonomija Ċirkolari"³;

Ir-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tal-25 ta' Settembru 2015 dwar "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli" u l-Ftehim ta' Pariġi dwar il-klima (COP 21) u r-riżoluzzjonijiet 1/5 u 2/7 tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) dwar il-kimiċi u l-iskart, 2/8 dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, 3/4 dwar l-ambjent u s-saħħa, speċifikament it-taqsimiet dwar il-kimiċi u l-iskart u l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, u 3/7 dwar l-iskart fil-baħar u l-mikroplastiki; id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-UNEA fit-tielet sessjoni tagħha, intitolata "Towards a Pollution-Free Planet";

¹ ĠU L 347 tal-20 ta' Diċembru 2013, p. 104.

² ĠU L 354 tat-28 ta' Diċembru 2013, p. 171.

³ 2014/2208(INI).

Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli - Bijoeconomija għall-Ewropa"⁴; "Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni"⁵; "Nibnu s-Suq Uniku għall-Prodotti Ekoloġiċi: Niffaċilitaw tagħrif aħjar dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet"⁶; "Pjan ta' Azzjoni Ekoloġiku għall-SMEs"⁷ u l-"Inizjattiva għal Impjiegi Ekoloġiċi"⁸; "Sabiex nagħlqu ċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari"⁹ u r-rapport għall-implimentazzjoni tagħha¹⁰; "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea - Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' Suq Uniku Diġitali"¹¹; "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna"¹²; "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mġedda għall-Politika Industrijali tal-UE"¹³;

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar

- Amministrazzjoni sostenibbli tal-materjali u produzzjoni u konsum sostenibbli¹⁴;
- L-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew u tal-Istrateġija Ewropa 2020¹⁵;
- Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi¹⁶;
- L-UE u Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli¹⁷;

⁴ 6487/12 - COM(2012) 60 final + ADD 1.

⁵ 18874/11 - COM(2011) 899 final + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

⁶ 8310/13 - COM(2013)196 final+ ADD 1 + ADD 2.

⁷ 11616/1/14 REV 1 - COM(2014) 440 final + ADD 1 REV 1.

⁸ 11572/14 - COM(2014) 446 final.

⁹ 14972/15 - COM(2015) 614 final+ ADD 1.

¹⁰ 5799/17 + ADD 1 - COM(2017) 33 final.

¹¹ 8100/16 - COM(2016) 180 final + ADD 1.

¹² 14332/16 - JOIN(2016) 49 final + ADD 1.

¹³ 12202/17 + ADD 1 - COM(2017) 479 final.

¹⁴ 17495/10.

¹⁵ 14731/14.

¹⁶ 18346/11.

¹⁷ 8833/16.

- L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari¹⁸;
- Il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent permezz ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi¹⁹;
- L-Ekoinnovazzjoni: biex tkun tista' ssir transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari²⁰;
- Prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea għat-tielet laqgħa tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent²¹;

ITENNI l-potenzjal ta' Ekonomija tassew Ċirkolari li tikseb tkabbir sostenibbli u tagħti spinta lill-kompetittività tal-UE, toħloq impjiegi, tnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq materja prima mhux rinnovabbli, tipprevjeni u tnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u tikseb effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u tal-enerġija u impronta ambjentali mnaqqsa filwaqt li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent u tirrispetta standards ta' protezzjoni eżistenti; JAPPROVA l-għan li nimxu lejn tendenzi ta' produzzjoni u konsum sostenibbli; JENFASIZZA r-responsabbiltà tal-partijiet ikkonċernati kollha li jieħdu l-azzjoni neċessarja għall-bidla, b'mod partikolari fir-rigward tad-disinn, l-użu u l-konsum tal-plastik u prodotti tal-plastik, lejn approċċ orjentat lejn il-katina ta' valur b'kont meħud taċ-ċiklu sħiħ ta' ħajja ta' dawn il-prodotti;

JISSOTTOLONJA l-importanza tal-ġerarkija tal-iskart għall-appoġġ għall-implimentazzjoni tat-transizzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari, li tibda b'żieda fil-prevenzjoni, tħejjija għar-riżu u r-riċiklaġġ, rkupru ieħor ta' skart, u tnaqqis ta' rimi tal-iskart;

¹⁸ 10518/16.

¹⁹ 15673/16.

²⁰ 15811/17.

²¹ 13070/17.

JENFASIZZA li r-reviżjoni tal-funzjonament tal-katini ta' valur, bħal għal plastiks, hija interkonnessa mill-qrib mal-ħolqien ta' ċikli ta' materjal mhux tossiku fejn sustanzi ta' riskju jitnaqqsu għall-minimu, f'konformità sħiħa mal-għan li tinkiseb għestjoni tajba tal-kimiċi u l-iskart matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, kif maqbul waqt is-Summit Dinji tal-2002 dwar Żvilupp Sostenibbli f'Johannesburg u fil-Konferenza Internazzjonali dwar il-Ġestjoni tas-Sustanzi Kimiċi f'Dubai fl-2006 li adottat l-Approċċ Strateġiku għall-Ġestjoni Internazzjonali tas-Sustanzi Kimiċi (SAICM), u żviluppat aktar fid-dokument ta' eżitu tal-Konferenza tan-NU tal-2012 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli intitolata "The future we want" u aktar reċentement fir-Riżoluzzjoni tal-UNGA tal-2015 intitolata "Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development"; JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun stabbilit proċess transettorjali jew mekkaniżmu fil-livell tal-UE li jindirizza r-riskji u t-tniġġis minn sustanzi kimiċi tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom sabiex ikun żgurat approċċ koerenti biex jinkisbu l-oġettivi tal-UE kif ukoll biex jikseb l-impenji internazzjonali tiegħu fir-rigward tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjen u l-kisba ta' żvilupp sostenibbli;

It-twertiq tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari

1. JILQA' l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tas-16 ta' Jannar 2018 dwar "Strateġija Ewropea għall-Plastik f'Ekonomija Ċirkolari"²², "Implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari: alternattivi li jindirizzaw l-Interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-Sustanzi kimiċi, dwar il-Prodotti u dwar l-Iskart"²³ u "Qafas ta' Monitoraġġ għall-Ekonomija Ċirkolari"²⁴; JAPPOĠĠA l-approċċ tal-Kummissjoni li tpoġġi iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti fil-qalba tal-isforzi u l-politiki kollha biex tiffaċilita t-transizzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari u JISOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi indirizzata b'aktar reqqa l-kwistjoni tal-ġestjoni tal-konsum tal-plastik, għal użu b'impatt ambjentali;

²² 5477/18 + ADD 1 - COM(2018) 28 final + ADD 2.

²³ 5479/18 - COM(2018) 32 final + ADD 1.

²⁴ 5478/18 - COM(2018) 29 final + ADD 1.

2. IQIS li implimentazzjoni b'suċċess ta' miżuri għall-kisba tat-transizzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari teħtieġ l-involvement u l-impenn ta' firxa wisgħa ta' politiki u setturi; JINNOTA wkoll ir-rwol ewlieni tal-gvernijiet fil-ħolqien ta' inċentivi biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv mas-settur privat u partijiet ikkonċernati oħra f'impenn lejn Ekonomija Ċirkolari u r-rwol tagħhom fl-integrazzjoni sħiħa tal-benefiċċji ta' ċikli ta' riżorsi magħluqin fil-katina ta' valur ta' prodotti, proċessi u servizzi b'kont meħud tal-imġiba tal-konsumatur;
3. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tpoġġi l-azzjonijiet propost fis-seħħ b'mod f'waqtu, waqt li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati kollha; TINKORAĠIXXI lill-Istati Membri jistabbilixxu u jadottaw miżuri rilevanti, b'kont meħud ukoll ta' dawk elenkati fl-Anness II għall-Istrateġija għall-Plastik biex jintegraw b'mod sħiħ approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja b'appoġġ għat-transizzjoni lejn Ekonomija aktar Ċirkolari fil-politiki u l-istrateġiji rilevanti kollha;

L-Istrateġija Ewropea għall-Plastik

4. JISSOTTOLINJA l-importanza kruċjali tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi għat-transizzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari biex jinżamm il-valur tal-prodotti, materjali u riżorsi fl-ekonomija għall-itwal żmien possibbli u tiġi pprevenuta u mnaqqsa l-ġenerazzjoni tal-iskart; JENFASIZZA li hemm vantaġġ kummerċjali ċar li jiġi ttrasformat il-mod kif il-plastik, il-prodotti tal-plastik u l-prodotti li jinkludu partijiet tal-plastik jitħeġġew, jiġu prodotti, użati u riċiklati fl-UE, u li jitqiesu mill-ġdid ix-xejriet ta' konsum u jiġu evitati użi mhux neċessarji, u JFAKKAR li kapaċità miżjuda ta' riċiklaġġ fl-UE ser tikkontribwixxi għal tnaqqis fit-tniġġis tal-plastik, u b'hekk tnaqqas ukoll emissjonijiet tas-CO₂, u ser twassal ukoll għal opportunitajiet ġodda ta' investiiment u impjiegi;

5. IQIS li s-suq għal materjali u prodotti riċiklati irid jiżviluppa b'mod konsiderevoli u li biss domanda akbar għal materja prima sekondarja tista' tiżgura s-sostenibbiltà ekonomika tas-sistemi għall-ġbir, l-għażla u r-riċiklaġġ; JISSOTTOLINJA li huwa biss l-użu ta' materjali xierqa għar-riċiklaġġ li jista' jiżgura l-profittabbiltà tal-proċess ta' riċiklaġġ u jiffaċilita l-investimenti; JINKORAĠIXXI għal dan il-għan li l-ekodisinn tal-plastik u l-prodotti tal-plastik jikkunsidra r-rekwiżiti ta' riużu u riċiklaġġ mill-fażi tad-disinn 'il quddiem; f'dan ir-rigward JISTENNA B'INTERESS ir-reviżjoni u t-tisħiħ tar-rekwiżiti essenzjali għat-tpoġġja tal-imballaġġ fuq is-suq; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex twettaq malajr kemm jista' jkun qafas ta' politika integrat dwar prodotti, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE²⁵, u biex twessa' l-prinċipju tal-ekodisinn għall-gruppi kollha ta' prodotti b'regolamentazzjoni xierqa dwar prodotti;
6. JENFASIZZA li l-kwalità għolja u s-sikurezza ta' plastiks irkuprati hija essenzjali u għalhekk JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tħaffef l-iżvilupp ta' standards ta' kwalità għal skart tal-plastik magħżul u plastik riċiklat sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fis-swieq ta' plastik riċiklat; JAGĦRAF li t-titjeb tal-għażla u d-dekontaminazzjoni tal-iskart jibqa' prerekwiżit biex jiżdied ir-riċiklaġġ tal-plastik u l-prodotti tal-plastik; f'dan ir-rigward JAPPOĠA lill-Kummissjoni fl-iżvilupp ta' gwida li tippermetti Prattiki aktar standardizzati u effettivi fir-rigward tal-ġbir u l-għażla ta' skart madwar l-UE; JISSOTTOLINJA r-rwol tal-iskemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, is-sistemi primarji ta' għażla għal flussi ta' skart differenti u s-sistemi ta' depożitu biex jagħtu spinta lill-ġbir separat ta' kwalità għolja u jinvolvu produttori matul iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja ta' prodott sabiex ikunu promossi l-innovazzjoni u l-kooperazzjoni tal-katina ta' valur;

²⁵ 14972/15 + ADD 1 - COM(2015) 614 final.

7. JINKORAĠĠI BIL-QAWWA lill-Kummissjoni biex tiżgura t-tiżgura u l-effettività tal-istrumenti eżistenti tal-UE rilevanti għall-ippremjar tal-ekoinnovazzjoni fid-disinn ta' prodotti u l-innovazzjoni fir-riużu, l-għażla u r-riċiklaġġ; f'dan ir-rigward JAPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jesploraw l-opportunitajiet għal u t-tiżgura tal-użu ta' materja prima alternattiva fil-produzzjoni tal-plastik li tkun sikura għall-ambjent u sostenibbli, inkluż l-użu ta' materja prima rinnovabbli b'bażi bijoloġika biex titnaqqas il-kontribuzzjoni tal-plastik lejn it-tibdil fil-klima; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkunsidraw l-użu kkumbinat ta' għodod mandatorji u volontarji biex jiffaċilitaw innovazzjonijiet sistematiċi;
8. JENFASIZZA r-rwol kruċjali ta' sensibilizzazzjoni u l-provvediment ta' programmi edukattivi li jippromwov u l-għir adatt ta' skart kif ukoll imġiba sostenibbli u tendenzi sostenibbli ta' konsum u produzzjoni u JINNOTA li tikkettar adegwat rigward il-karatteristiċi ambjentali ta' materjali, prodotti u servizzi għandu rwol importanti fl-iffaċilitar tal-għażliet infurmati ta' konsumaturi u t-titjib tal-fiduċja f'prodotti riċiklati; JAPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem fuq definizzjonijiet u regoli armonizzati għat-tikkettar ta' plastik u prodotti tal-plastik; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jappoġġaw attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni diretti lejn il-konsumaturi fil-promozzjoni tal-Ekonomija Ċirkolari;
9. JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni lejn l-oġettiv li tiżgura li l-imballaġġ kollu tal-plastik li tpoġġa fuq is-suq tal-UE jista' jerġa' jintuża jew inkella jista' jiġi riċiklat b'mod kosteffiċjenti sal-2030 u JENFASIZZA l-importanza li jiġu implimentati l-aktar miri u rekwiżiti reċenti għal skart mill-imballaġġ; Fl-istess ħin JENFASIZZA l-importanza li tkun stimolata d-domanda għal materjali riċiklati; JAGĦRAF il-ħtieġa għal verifika u kwantifikazzjoni oġġettiva tal-kontenut riċiklat; JISTENNA B'INTERESS il-valutazzjoni, mill-Kummissjoni, tal-wegħdiet li saru b'rabta ma' kontenut riċiklat u JAQBEL li jekk l-oġettiv kwantitattiv stipulat fl-Anness III għall-Istrateġija għall-Plastik ma jintlaħaqx, il-Kummissjoni għandha tibda taħdem fuq il-passi possibbli li jmiss, inkluż azzjoni regolatorja;

10. JILQA' l-proposta l-ġdida għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent u JINTRABAT li juża l-aħjar sforzi tiegħu għal eżami rapidu; JAGĦRAF l-importanza ta' miżuri effettivi u sostenibbli biex ikun indirizzat skart fil-baħar li jkun ġej mill-art u l-baħar u ta' monitoraġġ u trażżin ta' skart fil-baħar b'mod aktar effettiv, inkluż l-implimentazzjoni kkoordinata tal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-ġestjoni tal-iskart; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiegħu azzjonijiet speċifiċi bl-għan li tindirizza l-iskart fil-baħar u b'mod partikolari tnaqqas it-tniġġis tal-plastik fil-Mediterran.
11. JAPPOĠĠA l-azzjonijiet meħuda fil-livell tal-UE u dak globali biex ikun limitat l-użu ta' mikroplastiki miżjuda intenzjonalment mal-prodotti kif ukoll l-użu ta' ossoplastik fl-UE u l-azzjonijiet previsti fl-Istrateġija għall-Plastik dwar it-tnaqqis ta' mikroplastik minn tessuti, tajers tal-karozzi u tnixxijiet ta' gerbub fi stadju ta' preproduzzjoni; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tesplora alternattivi għal projbizzjoni sħiħa fuq mikroplastik miżjud b'mod intenzjonali fi prodotti li minnhom huwa inevitabbli r-rilaxx fl-ambjent u tipproponi aktar miżuri konkreti biex tiġġieled ir-rilaxx ta' mikroplastik minn sorsi maġġuri oħra, bħall-introduzzjoni ta' rekwiżiti fid-Direttiva dwar l-Ekodisinn u l-indirizzar ta' mikroplastik permezz ta' dokumenti ta' referenza dwar l-Aqwa Tekniki Disponibbli, u JAPPELLA għal żieda fir-riċerka u l-innovazzjoni biex titnaqqas it-tnixxija mhux intenzjonata ta' mikroplastik fl-ambjent;
12. JAGĦRAF l-importanza ta' strumenti ekonomiċi biex titrawwem il-prevenzjoni ta' skart u żieda fl-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' plastik u JISSOTTOLINJA li l-akkwist pubbliku ekoloġiku (APE) għandu rwol kruċjali fl-igġwidar ta' investimenti u l-istimolu tat-transizzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex taħdem fuq miżuri għat-tisħiħ tar-rekwiżiti għal akkwist pubbliku relatat mal-użu, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' prodotti tal-plastik kif ukoll relatat mal-kontenut riċiklat ta' prodotti tal-plastik u JAPPELLA lill-Istati Membri biex isaħħu azzjoni b'appoġġ għall-applikazzjoni usa' ta' prinċipji tal-APE;

13. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jgħolqu qafas abilitanti għall-investiment u l-innovazzjoni dwar iċ-ċiklu tal-ħajja ta' prodotti tal-plastik; JILQA' l-appoġġ disponibbli għall-Ekonomija Ċirkolari fil-fondi tal-UE u l-programmi finanzjarji u JINKORAĠIXXI BIL-QAWWA lill-Istati Membri u s-settur privat biex jużaw b'mod attiv it-tali appoġġ għall-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet ekoinnovattivi tul il-katina sħiħa ta' valur kollha tal-plastik; JAPPELLA lill-Kummissjoni tivvaluta u, fejn xieraq, tipprovdi appoġġ addizzjonali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' riċiklaġġ innovattivi, inkluż ir-riċiklaġġ kimiku, u l-kapaċitajiet fl-UE;
14. Filwaqt li jirrikonoxxu r-rwol li l-plastik għandu madwar id-dinja, jeħtieġ li jiġu żviluppati globalment katini tal-valur ċirkolari tal-plastik, li jirrikjedu sistemi adegwati ta' prevenzjoni, ġbir, użu mill-ġdid u riċiklaġġ tal-iskart tal-plastik; JIKKUNSIDRA li l-UE tinsab f'pożizzjoni tajba biex tmexxi f'din it-transizzjoni u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-ISTATI MEMBRI biex ikomplu jappoġġaw u jippromwovu azzjoni internazzjonali u l-aqwa prattiki madwar id-dinja kollha; f'dan ir-rigward JINKORAĠIXXI lill-Kummissjoni biex tesplora possibbiltajiet biex tikkontrolla aħjar l-esportazzjoni ta' skart tal-plastik barra l-Unjoni lejn pajjiżi li ma jistgħux jiggwarantixxu t-trattament tal-iskart li jissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippromwovi l-iżvilupp ta' standards internazzjonali biex tingħata spinta lill-fiduċja tal-industrija u l-konsumatur fil-kwalità ta' plastiks li jistgħu jintużaw mill-ġdid, li huma riċiklabbli jew riċiklati;
15. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jippromwovu ekonomija ċirkolari tal-plastik fl-attivitajiet ta' kooperazzjoni bilaterali u multilaterali mal-pajjiżi li mhumx fl-UE, biex jgħinu jindirizzaw kwistjonijiet fil-livell globali relatati mal-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u l-ġestjoni tal-iskart tal-plastik kif ukoll il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib fil-prodotti tal-plastik, u biex jimmobilizzaw investimenti privati u pubbliċi kif xieraq;

L-Interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-Sustanzi kimiċi, il-Prodotti u l-Iskart

16. JENFASIZZA BIL-QAWWA l-importanza li jkunu stabbiliti ċikli materjali mhux tossiċi u għal dan il-għan JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi biex tiddefinixxi sustanzi ta' tħassib li għandhom jiġu minimizzati jew eliminati fi prodotti u skart bl-għan li tkun promossa ċ-ċirkolarità tal-prodotti u jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;
- JENFASIZZA l-ħtieġa għal informazzjoni dwar sustanzi ta' tħassib għall-atturi kollha u li jiġi żgurat sa mhux aktar tard mill-2030 ir-rintraċċabbiltà ta' sustanzi ta' tħassib f'materjali, inkluż dawk f'oġġetti importati, tul il-katina tal-provvista kollha, inkluż operazzjonijiet ta' tmiem tal-ħajja; IFAKKAR li skont ir-Regolament REACH, fornituri ta' oġġetti diġà għandhom ir-responsabbiltà li jipprovdu informazzjoni dwar artikli li fihom sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC) u li dispożizzjonijiet maqbula reċentement fid-Direttiva Qafas riveduta dwar l-Iskart jikkomplementaw l-obbligi tar-REACH f'dan ir-rigward; b'rabta ma' dan IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżviluppa għodod armonizzati biex sustanzi ta' tħassib jiġu rintraċċati tul il-katina tal-provvista, inkluż l-operazzjonijiet ta' tmiem tal-ħajja, waqt li jkun promoss l-użu ta' sistemi ta' informazzjoni diġitali u soluzzjonijiet diġitali;
17. JENFASIZZA li b'mod ġenerali materji prima sekondarji jeħtieġu jirrispettaw l-istess kriterji bħal materji prima primarji, iżda JAGħRFU li, waqt li d-detossifikazzjoni ta' skart li fih sustanzi ta' legat għandu jkun l-għażla preferuta sabiex jintlaħqu ċikli ta' materjali mhux tossiċi, ċerti derogi għal tali kriterji jistgħu jkunu xierqa f'każijiet individwali soġġetti għal kondizzjonijiet, b'mod partikolari limiti ta' żmien u possibbilment ir-rieżami tagħhom, dment li riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent jiġu kkontrollati b'mod adegwat u kkomunikati b'mod xieraq; JINKORAĠĠIXXI l-azzjonijiet tal-Kummissjoni biex tiżviluppa metodoloġija li tindirizza l-ġestjoni tal-iskart li jkun fih sustanzi ta' tħassib kif ukoll f'konsultazzjoni mal-Istati Membri biex tidentifika tipi ta' skart li tipikament ikun fihom sustanzi kimiċi ta' legat u li jkunu jistgħu jiġu riċiklati b'suċċess f'sett ristrett ta' applikazzjonijiet speċifiċi li huma sikuri għas-saħħa u l-ambjent;

18. JENFASIZZA l-importanza li jkunu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejn oġġetti prodotti fl-UE u dawk importati, pereżempju permezz tal-promozzjoni tal-użu f'waqtu ta' restrizzjonijiet u l-infurzar ta' leġiżlazzjoni dwar sustanzi kimiċi, prodotti u skart fil-fruntieri tal-UE; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tiżgura li SVHC f'oġġetti importati jkunu ristretti meta dawn is-sustanzi ma jkunux awtorizzati għall-produzzjoni ta' oġġetti simili fl-UE skont ir-REACH;
19. JAGĦRAF il-ħtieġa li tkun iffaċilitata ċ-ċirkolarità ta' prodotti permezz tal-użu tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn jew leġiżlazzjoni speċifika oħra dwar prodotti, u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra jippromwovu l-użu ta' metodi volontarji ta' ċertifikazzjoni ta' prestazzjoni ambjentali, kull meta possibbli, u jqisu approċċi volontarji għall-iskambju ta' prattika tajba fis-sostituzzjoni ta' materjali li jkun fihom sustanzi ta' tħassib fil-fażi tad-disinn; JENFASIZZA l-ħtieġa għall-iżvilupp ta' alternattivi sostenibbli inkluż soluzzjonijiet mhux kimiċi għal materjali u sustanzi fil-fażi ta' disinn, waqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent;
20. JAPPOĠĠA BIL-QAWWA l-implimentazzjoni effettiva tal-kriterji dwar it-tmiem tal-istadju tal-iskart u regoli dwar prodotti sekondarji għall-armonizzazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom fil-livell tal-UE li jibdeu bil-flussi ta' skart l-aktar importanti; JIPPREFERI l-istabbiliment ta' linji gwida biex ikunu promossi l-aħjar prattiki u regoli armonizzati li jippermettu distinzjoni ċara bejn l-istatus ta' skart u l-istatus ta' prodott biex b'hekk ikunu evitati piżijiet għall-operaturi biex jikkonformaw ma' żewġ settijiet ta' regoli;
21. JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun żgurat approċċ aktar konsistenti bejn ir-regoli dwar il-klassifikazzjoni tas-sustanzi kimiċi u tal-iskart; JILQA' l-gwida teknika ġdida dwar l-ikklassifikar tal-iskart u l-ħidma tal-Kummissjoni fuq l-armonizzazzjoni ta' metodi ta' ttestjar;
22. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-isforzi globali għall-ġestjoni tajba ta' sustanzi kimiċi u skart, speċjalment dawk deċiżi u mwettqa permezz tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, il-Konvenzjonijiet ta' Basel, ta' Rotterdam, ta' Stokkolma u ta' Minamata u SAICM; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ikomplu jagħtu kontribut attiv għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tagħhom u għall-proċess li għaddej lejn il-ġestjoni soda ta' sustanzi kimiċi u skart lil hinn mill-2020 li qed iseħħ taħt l-awspiċi tas-SAICM;

23. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa aktar azzjonijiet konkreti biex jitneħħew barrieri tekniċi, finanzjarji u tas-suq li ma jippermettux ir-riċiklaġġ u l-użu ta' materji prima sekondarji, inkluż mezzi effettivi biex tkun evitata, mneħħija jew imnaqqsa l-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib kemm jista' jkun possibbli u kemm jista' jkun malajr biex ikunu żgurati ċikli ta' materjali mhux tossiċi; JITLOB lill-Kummissjoni biex tikkonkludi b'mod urġenti l-verifika tal-idoneità tal-leġislazzjoni kollha dwar sustanzi kimiċi ħliet ir-REACH u tiżviluppa b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri strateġija ambizzjuża ġenerali għal ambjent mhux tossiku f'konformità mas-7 EAP u l-aġenda għal Regolamentazzjoni Aħjar, abbażi tal-konklużjonijiet u s-sejbiet prinċipali minn diversi proċessi ta' sustanzi kimiċi li għaddejjin;

Monitoraġġ u segwitu

24. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' qafas ta' monitoraġġ biex ikun ivvalutat il-progress lejn Ekonomija Ċirkolari b'livell baxx ta' karbonju u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi li tkun sikura u sostenibbli; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex ittejjeb aktar l-indikaturi proposti jew tikkunsidra li tiżviluppa indikaturi ġodda sabiex tkopri ċ-ċiklu ta' haġja sħiħa ta' prodotti u servizzi b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, waqt li jsir l-aħjar użu mill-istrumenti u l-inizjattivi ta' sostenibbiltà eżistenti;
25. JITLOB lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-Kunsill b'rapport annwali bil-miktub dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari, inkluż il-miżuri proposti fl-Istrateġija għall-Plastik u r-riżultati tal-konsultazzjonijiet u miżuri li jindirizzaw l-Interfaċċa bejn il-leġislazzjoni dwar is-Sustanzi kimiċi, il-Prodotti u l-Iskart;
26. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tfittex li żżomm impenn politiku ta' livell għoli għal implimentazzjoni ambizzjuża tal-Pjan ta' Azzjoni kollu tal-Ekonomija Ċirkolari; JENFASIZZA b'mod partikolari l-ħtieġa li jkunu proposti u implimentati miżuri u għodod ta' konsum u produzzjoni sostenibbli f'oqsma inkluż fl-ewwel fażi tal-Pjan ta' Azzjoni; b'kunsiderazzjoni li l-miżuri taħt il-Pjan ta' Azzjoni jkopru l-perijodu ta' żmien sal-2018, JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tirrevedi l-Pjan ta' Azzjoni u tiżviluppah aktar b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri.